# INVICTA LTD

Quarries Square,
Msida
Tel: 626651 - 606593

Manufacturers of:

- ★ PRAMS
- ★ PUSHCHAIRS
- ★ BABYWALKERS
- ★ BABY HIGH CHAIRS
- ★ BABY CAR SEATS
- ★ BABY RELAX
- ★ CARRY COTS
- ★ BABY BOUNCERS
- ★ WEATHER SHIELDS & SUNSHADES FOR PRAMS & PUSHCHAIRS

6 MONTHS GUARANTEE
ON PRAMS AND PUSHCHAIRS

SHOWROOMS:

| | |
|---|---|
| THE STRAND, SLIEMA | TEL: 313827 |
| PAOLO SQUARE, PAOLA | TEL: 222858 |
| VALLETTA RD., MOSTA | TEL: 443357 |
| MARINA STR., PIETÀ | TEL: 606593 |

**J.B. STORES**
**TEXTILES**

**L'Iklin Road Lija Tel: 446918**
***For the latest Fashion at Fantastic prices***
New Summer Material




# PROGRAMM
# FESTA TA' SAN ĠUŻEPP
# MSIDA 1987

## Messaġġ mill-Kappillan

# VIVA SAN ĠUŻEPP!!

Jiena ċert li m'hawnx Misidjan wieħed jew Misidjana waħda li fil-fond tal-qalb tagħhom m'hemmx imħabba speċjali lejn S.Ġużepp, il-Missier Putativ ta' Ġesù, l-Għarus Purissimu ta' Marija u l-Patrun Universali tal-Knisja.

Aħna l-Misidjani nħossu ruħna kburin li għandna propju lil S.Ġużepp bħala l-Patrun tagħna. U fl-okkażjoni tal-Festa Titulari, aħna ċerti li S.Ġużepp jixtieq ikun ta' EŻEMPJU ĦAJ TA' KIF NISTGĦU NIĊĊELEBRAW B'MOD NISRANI L-FESTA TIEGĦU u TAGĦNA!

Hu importanti ħafna li l-Festa tal-parroċċa ma tinteressaniex biss f'dak li hu armar, nar, baned, briju u ħafna ħwejjeġ bħal dawn. Veru li dawn huma importanti biex inqajmu l-Festa tal-parroċċa.... iżda qabel aħna rridu nfittxu dawk il-ħwejjeġ li qabel il-Festa IQAJJMU LILNA. B'hekk il-ferħ tagħna matul il-festa mhux biss ikun ferħ ġej mill-qalb sinċiera.... iżda jkun ferħ li jasal għand l-oħrajn ta' madwarna.... u jibqa' anke wara li tgħaddi l-Festa!!!

X'inhuma dawn il-ħwejjeġ l-oħrajn li jistgħu IQAJJMUNA? Xejn inqas minn dak li għix S.Ġużepp f'ħajtu: IMĦABBA GĦAL ALLA billi fittex dejjem li jagħmel l-ewwel dak li jogħġob lil Alla. U, għalhekk, wettaq sewwa d-doveri tiegħu, U IMĦABBA LEJN IL-PROXXMU TIEGĦU.... kulħadd.

Dawn huma l-ħwejjeġ li għix S.Ġużepp.... u għalhekk S.Ġużepp huwa l-mudell tagħna.... anke, anzi iżjed, waqt il-granet tal-Festa. Għaliex dik hija l-vera Festa: meta aħna nkunu paċi ma' Alla u mal-oħrajn. Inkella l-festa tkun għalina duħħan.... li jidher malajr u jispiċċa malajr!

Il-Kappillan.

---

## *Messaġġ mill-Kummissjoni Amministrattiva:*

Il-festa ta' San Ġużepp turi li aħna lkoll Misidjani għax ilkoll kemm aħna, anke jekk maħniex mill-Imsida imma ġejna noqgħodu l-Imsida, anke jekk aħna mill-Imsida iżda llum noqgħodu x'imkien ieħor, ilkoll kemm aħna f'din l-okkażjoni, ningabru madwar ix-xbiha għażiża tal-maħbub tagħna San Ġużepp ħalli niċċelebraw flimkien il-festa "TIEGĦU".

*(jissokta fuq il-lemin, taħt il-programm)*

**WIGWAM STATIONERY and BAZAAR**

**TAL-QROQQ STREET – MSIDA**

*Prop. ALEX FARRUGIA*

**Tel. No: 340343**

☐ PHOTOCOPYING – STUDENTS' RATE
☐ FREE FILM SERVICE
☐ ALL SORTS OF STATIONERY
☐ LARGE VARIETY OF CLEANING REQUISITES
☐ TOYS AND CARDS FOR ALL OCCASIONS

*L-Erbgħa, 8* ***Jum il-Karità.***
L-aħħar Erbgħa ta' San Ġużepp.

*6.30 p.m.:* Quddiesa Solenni bl-omelija minn Patri Amadeo Zammit O.C.
Il-ġbir fil-quddies ikun għall-familji fil-bżonn.

*Il-Ħamis, 9:* ***Jum il-Vokazzjonijiet***
*6.30 p.m.:* Quddiesa Konċelebrata li fiha ssir it-XXII Vestizzjoni Solenni tal-abbatini li jagħmlu servizz liturġiku fil-Parroċċa.

*Il-Ġimgħa, 10:* ***Jum il-Penitenza***
*6.00 p.m.:* Ċelebrazzjoni Penitenzjali u Quddiesa tar-rikonċiljazzjoni. Kulħadd huwa mħeġġeġ jersaq għall-Qrar.
*7.00 p.m.:* Adorazzjoni Ewkaristika organizzata mill-Azzjoni Kattolika.

*Is-Sibt, 11:* ***Jum il-Familja***
*6.00 p.m.:* Tberik ta' l-OPRI ĠODDA mill-Kappillan u Quddiesa tal-Familja li għaliha huma mistiedna l-koppji li żżewġu din is-sena, li jingħataw tifkira.

*Il-Ħadd, 12:* ***Jum l-Għaqdiet ta' l-Appostolat***
*10.30 a.m.:* Quddiesa Soċjali mill-Kappillan bis-sehem sħiħ tal-Kunsill Parrokkjali u tal-membri kollha ta' l-Għaqdiet ta' l-Appostolat.
*11.30 a.m.:* Ħruġ Solenni ta' l-Istatwa ta' San Ġużepp min-niċċa.
*6.00 p.m.:* Quddiesa Solenni Konċelebrata fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda Saċerdotali u ta' egħluq il-25 sena ta' ħidma pastorali ta' Dun Ġużepp Mifsud bħala viċi fil-Parroċċa.

*It-Tnejn 13:* ***Jum it-Tagħlim u l-Kultura Kattolika***
*6.00 p.m.:* Quddiesa Letta.
*7.30 p.m.:* Akkademja Mużiko-Letterarja mtella' mill-Kummissjoni Amministrattiva tal-Parroċċa flimkien ma' l-Għaqda Mużikali "Melita", bil-koperazzjoni tal-Bank of Valletta Ltd.

*It-Tlieta 14:* ***Jum il-Ħajja Liturġika***
*6.30 p.m.:* Ċelebrazzjoni Kommunitarja tal-Magħmudija u Preżentazzjoni lil San Ġużepp tat-trabi li twieldu din is-sena.

*L-Erbgħa, 15:* ***L-Ewwel Jum tat-Tridu***
*6.30 p.m.:* Quddiesa Solenni bl-Omelija mill-W.R. Kan. Dun Ġużepp Bonello. Wara, Innu, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**WELCOME STORE**

TAL-QROQQ STREET
MSIDA

*The Family Choice*

*CHOCOLATE BOXES - ALL SORTS OF BISCUITS, WIDE SELECTION OF LOCAL AND FOREIGN WINES AND SPIRITS, SLICED AND FANCY BREAD FRESH DAILY*

**OPEN SUNDAYS**

# PROGRAMM

Il-Ħamis, 16: **It-Tieni Jum tat-Tridu**
Kollox bħal jum ta' qabel.

*Il-Ġimgħa, 17:* ***It-Tielet Jum tat-Tridu***
Kollox bħal jum ta' qabel. Jieħdu sehem il-morda tal-Parroċċa, li jingħataw tifkira – organizzazzjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva u tal-Azzjoni Kattolika.
*8.00 p.m.:* Marċ brijuż tradizzjonali mill-Banda Melita ta' l-Imsida li jibda minn quddiem il-Knisja u jgħaddi minn dawn it-toroq: Ix-Xatt ta' Xbiex, Antonio Sciortino, Knisja, Mons. D'Andria, D'Argens, Kunċizzjoni, il-Wied, u jispiċċa fil-pjazza 5 t'Ottubru.

*Is-Sibt, 18:* ***Lejlet il-Festa***
*8.45 a.m.:* Quddiesa solenni mill-Kappillan bil-kant tat-Te Deum. u l-Antifona ta' San Ġużepp.
*5.30 p.m.:* Quddiesa Letta.
*6.30 p.m.:* Transulazzjoni Solenni tar-Relikwa ta' San Ġużepp.
*7.00 p.m.:* Quddiesa Solenni Konċelebrata minn Dun Ġużepp Mifsud, flimkien mas-Saċerdoti Misidjani li jaħdmu barra l-Parroċċa.
*7.30 p.m.:* Marċ mill-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Kirkop li jibda minn Sawmill, San Alwiġi, Kunċizzjoni, Wied, Ix-Xatt ta' l-Imsida, Qrejten, Bordin, Baċir, u jispiċċa quddiem il-Knisja.
*10.00 p.m.:* Logħob tan-nar organizzat mill-Kummissjoni Amministrattiva u d-Dilettanti Misidjani.

*Il-Ħadd, 19:* ***Jum il-Festa***
*6.00 a.m.:* Quddiesa mir-Rev. Dun Joe Bajada Lic.D., S.Lic.
*7.00 a.m.:* Quddiesa mill-W.R. Dun Viċenz Cachia, Arċipriet ta' l-Isla.
*8.00 a.m.:* Quddiesa Folk mill-W.R. Patri Ġorġ Frendo, Kappillan ta' Fatima, Gwardamanġa.
*9.00 a.m.:* Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-W.R. Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali, flimkien mal-Kappillan u l-Kleru tal-Parroċċa. Jinseġ il-Paniġirku r-Rev. Profs. Dun Lawrenz Sciberras M.A., S.S.L., S.TH.L.
*11.00 a.m.:* Quddiesa mill-W.R. Patri Anġeliku Busuttil O.C.D., Kappillan ta' Ta' Xbiex.
*12.00 a.m.:* Quddiesa mill-W.R. Dun Charles Abela, Kappillan ta' Wied il-Għajn.
*6.00 p.m.:* Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-W.R. Patri Alfred Calleja O.F.M. Konv., Provinċjal, flimkien mal-Kommunità tiegħu.
*7.00 p.m.:* Purċissjoni bl-istatwa għażiża ta' San Ġużepp, immexxija mis-Saċerdot Novell Dun Alex Bezzina S.TH.L.






*9.30 a.m.:* Marċ brijuż mill-banda "Melita" ta' l-Imsida.
*6.15 p.m.:* Marċ mill-banda "San Ġużepp" ta' Ħal-Għaxaq li jibda minn quddiem il-Knisja tal-Kunċizzjoni lejn il-Knisja Parrokkjali, fejn jilqa' l-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Ġużepp bid-daqq tal-Innu Popolari. Wara takkumpanja l-Purċissjoni bid-daqq ta' marċi ferrieħa.

**TAJJEB LI TKUN TAF:**

Il-kant fil-quddies tat-Tridu jsir mill-Kor Parrokkjali li, flimkien mal-Mużika tal-Festa, jkunu mmexxija mis-Surmast Carmelo Zammit.

**Il-Misidjani kollha huma mħeġġa biex jersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin fil-jiem tal-Festa.**

Kulħadd għandu jidħol fil-Knisja bi lbies xieraq u, qabel kollox, jagħmel VIŻTA lil Ġesù Sagramentat. Il-Misidjani kollha, speċjalment l-Għaqdiet u l-Każini, huma mistiedna joffru bukkett jew għotja lill-Istatwa. Iżda m'għandu jkollu fih jew imwaħħal miegħu l-ebda arma jew badge, distintiv ieħor jew żigarella bl-isem ta' min joffrih. Dan l-isem għandu jinkiteb biss fuq BILJETT apposta li jinkiseb b'xejn mis-sagristija. Il-flus mogħtija għax-xema' jinġabru f'daqqa u jinxtegħel **biss** xema' kbir.

Nixtiequ li ma jinxteħtux karti goffi jew fi kwantitajiet kbar fuq l-Istatwa tant għażiża.

**Il-Kummissjoni Amministrattiva żżomm id-dritt li tbiddel mingħajr avviż dak kollu li jkun meħtieġ fil-Programm.**

---

*Messaġġ mill-Kumm. Amm. (jissokta)*

U għax hija l-festa "TIEGĦU", aħna ninsew id-differenzi ta' bejnietna, aħna nħallu fil-ġemb l-affarijiet li fuqhom ma naqblux, aħna ninsew dak kollu li jista' jifridna biex, flimkien għalenija, niċċelebraw, din is-sena wkoll kif jixraq, il-festa "TIEGĦU".

U dan nagħmluh, l-ewwel u qabel kollox, billi naqdu d-dmirijiet spiritwali tagħna fil-Knisja sabiħa u għażiża tagħna. Kemm tkun sabiħa l-Knisja tagħna fil-festa! Għandna raġun nitgħaxxqu biha aħna flimkien mal-eluf ta' barranin li jiġu jżuruna f'dawn il-jiem!

J'Alla dan it-tempju meraviljuż ikun xhieda tat-twemmin sħiħ tagħna u ta' mħabbitna, li ma tiġi nieqsa qatt, l-ewwelnett lejn Alla u, mbagħad, lejn il-Patrun tagħna, il-Kbir Patrijarka San Ġużepp!




# OPRI ĠODDA – 1987

Din is-sena sejrin nżanżnu l-aħħar koppletta ta' taħt in-navi li tiġi fuq in-niċċa tad-Duluri. Din ingħatat bħala rigal lill-Knisja minn żewġ benefatturi li ma jixtiequx juru isimhom. Ix-xogħol sar fuq disinn tas-Sur Ġużè Galea tar-Rabat. L-iskultura saret mis-Sur Joseph D'Amato taż-Żurrieq waqt li l-induratura saret mis-Sur France Xuereb tad-Ditta Coleiro tal-Belt. Ix-xogħol taż-żebgħa sar b'xejn mis-sinjuri Carmelo Sciberras, Lino Bartolo u Joseph Balzan.

Qegħda wkoll tinħadem il-bieba tan-niċċa ta' San Ġużepp u diġà saru diversi preparamenti u ngiebu samples għall-ħġieġa kbira li se titpoġġa fiha u li se tkun ta' 10mm. ħxuna. Din il-bieba qegħda tinħadem mill-Misidjan Raymond Sultana u nisperaw li tkun lesta xi ftit xhur oħra.

Linef ġodda: Ilna bix-xewqa li jkollna sett linef kbar adattati għan-navi tal-Knisja tagħna, flok dawk preżenti. Sakemm qegħdin niktbu, għadna qegħdin nistennew li dawn jaslu biex ikunu jistgħu jiżżanżnu għall-festa ta' din is-sena. Diversi benefatturi taw l-offerti tagħhom u nisperaw li oħrajn jitħajru minnhom.

Qiegħed jiġi rranġat ukoll l-artal tal-Madonna tal-Karmnu. Billi dan kien fi stat ħażin ħafna, kien jinħtieġ li jiġi rranġat immedjatament. L-ispejjeż biex dan isir tħallsu mill-aħwa Gallo.

Irridu wkoll nirringrazzjaw lis-Sinjorina Maria Zammit Gallo tal-offerti miġbura b'risq il-Knisja matul is-sena li laħħqu Lm156; kif ukoll lil diversi benefatturi li offrew sett tax-xema ffjurit għal quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp.

Il-Kummissjoni Amministrattiva, kif tagħmel kull sena, offriet sussidju lid-Dilettanti tas-sezzjonijiet għall-festa ta' barra.

Mill-qalb nixtdiequ nirringrazzjaw lis-sinjuri Carmelo Sciberras, Emmanuel Zerafa u Joseph Balzan għall-għajnuna li taw matul din is-sena, kif ukoll lid-Dilettanti tal-Festa li għenu biex il-festa tkun suċċess.


*Għall-aqwa kwalità ta' Laħam*
*Morru għand il-*

**GRADE A**

BUTCHER & FROZEN FOOD
**TRIQ ESPERANTO, MSIDA**
*(ħdejn l-Università)*

Tinsewx l-orħos prezzijiet
għall-mara tad-dar
l-**GRADE A** l-aħjar



*+ Drappijiet għal kull okkażjoni*
*+ Underwear*
*+ Slippers*

***bl-aħjar prezzijiet***

***GUCAL DRAPERY***

***TRIQ ANTONIO SCIORTINO, MSIDA***
*(fil-parti l-ġdida)*






**GREEN LEAF**

**PET & PLANT**

**13, Valley Road, Msida.**

*Specialising in:*

★ Indoor Plants
★ Tropical Fish
★ Fresh Flowers
★ Garden Accessories